31966D0399

11.7.1966 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 125/2289

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## ta’ l-14 ta’ Ġunju 1966

## dwar l-iffurmar tal-Kumitat Permanenti dwar iż-Żrieragħ u l-Materjal tal-Propagazzjoni għall-Agrikoltura, l-Oltikoltura u l-Foresterija

(66/399/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITÀ EKONOMIKA EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidra l-abbozz tad-deċiżjoni ppreżentat mill-Kummissjoni,

Billi d-Direttivi dwar il-kummerċjalizzazzjoni taż-żrieragħ u l-materjal tal-propagazzjoni jipprovdu, għall-iskopijiet biex tkun iffaċilitata l-implimetazzjoni tagħhom, għal proċedura li tistabbilixxi kooperazzjoni mill-qrib bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni; billi, sabiex tintlaħaq kooperazzjoni bħal din, kumitat għandu jkun stabbilit biex iwettaq id-doveri mgħoddija lilu permezz ta’ dawk id-Direttivi;

Billi huwa mixtieq li l-kooperazzjoni bħal dik testendi fl-oqsma kollha koperti b’dawk id-Direttivi; billi dak il-Kumitat għandu għalhekk ikun awtorizzat li jikkunsidra kwalunkwe kwistjoni li tirrigwardja dawk l-oqsma;

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Kumitat permanenti dwar iż-Żrieragħ u l-Materjali tal-Propagazzjoni għall-Agrikoltura, l-Oltikoltura u l-Foresterija (minn hawn ’il quddiem imsejjaħ il-“Kumitat”) huwa b’dan stabbilit u għandu jikkonsisti minn rappreżentanti ta’ l-Istati Membri b’rappreżentant tal-Kummissjoni bħala l-President.

*Artikolu 2*

Il-Kumitat għandu, fil-każi u skond il-kundizzjonijiet li hemm provvediment dwarhom hemmhekk, iwettaq id-doveri mgħoddija lilu bid-Direttivi dwar il-kummerċjalizzazzjoni taż-żrieragħ u l-materjal tal-propagazzjoni.

Il-Kumitat, aktar minn hekk, jista’ jikkunsidra kull kwistjoni oħra li toriġina permezz ta’ dawn id-Direttivi u riferita lilu mill-President, jew fuq l-inizjattiva tiegħu nnifsu jew fuq it-talba tar-rappreżentant ta’ Stat Membru.

Magħmulha fi Brussel, fl-14 ta’ Ġunju 1966.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

P. WERNER